**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 04 ta' Mejju 2022**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 05/2021**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Andrew Mangion**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 05 tal-2021 kontra Andrew Mangion detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 240176(M) akkużat:

i. **Fl-Ewwel Kap** talli nhar it-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), fl-inħawi ta' Swieqi, Ibraġġ, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Eleanor Mangion) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

ii**. Fit-Tieni Kap** talli bejn it-tnejn (2) u t-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), fil-Gżejjer Maltin, xjentement issoprima jew b'xi mod ieħor qered jew biddel it-traċċi jew l-indizji tar-reat ta' omiċidju volontarju ta' Eleanor Mangion.

iii. **Fit-Tielet Kap** talli bejn it-tnejn (2) u t-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), fil-Gżejjer Maltin, xjentement ħeba l-kadavru ta' persuna (Eleanor Mangion) li mietet b'delitt ta' omiċidju volontarju

iv. **Fir-Raba' Kap** talli, fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data, ġewwa l-Gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha), meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' Andrew Mangion ppreżentata fis-06 ta' April 2021 fejn eċċepixxa:

'1. Illi l-istqarrija tal-esponenti esebita bhala Dok KA18, it-traskrizzjoni tal-istess esebita bhala Dok BV1 a folio 2013, u kwalisasi riferenza ghall-istess huma inammissibili bħala prova u dan stante li fil-kors ta' dan l-interrogatorju l-eċċipjent ma kellux assistenza legali.
2. Illi ghandhom jigu sfilzati r-ritratti esebiti mill-espert Matthew Paris fid-Dok CC2 (folio 1190 et seq) in kwantu dawn ir-ritratti jikkoncentraw l-ezamijiet preliminari tal-kadavru u s-sussegwenti awtopsja li tali ritratti ser ikollhom effett negattiv fuq il-gurati bil-konsegwenzi pregudizzju ghall-eccipjent.
3. Illi l-Ewwel Kap tal-att tal-akkuza huwa null u dan stante illi fih assunzjonijiet li ma johrogux mill-atti tal-Istruttorja u dana fejn qed jigi allegat is-segwenti: "Fil-

fatt huwa rraguna li Eleanor ma kinitx aktar is-siehba tieghu, allura ma kellha tkun ta' hadd aktar"
4. Illi, r-raba' Kap tal-att tal-Akkuza huwa null u dan stante illi l-piena mhux in konformi mal-ligi u dan in konsiderazzjoni tal-fatt illi s-sejba saret waqt tfittxija li l-ghaliha l-eccepjent ma kienx prezenti.
5. Illi l-eccipjent jehtieg direttivi minn din l-Onorabbli Qorti in kwantu jirrigwarda pubblikazzjonijiet u dikjarazzjonjiet pubblici li jghaddu gudizzju fuq il-mertu ta' dan il-kaz u dana stante illi l-kuncett ta' "*pre-trial publicity*" jippregudikalu d-drittijiet tieghu ghall smiegh xieraq.

**3**. Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-06 ta' April 2021 magħmula fit-termini tal-artikolu 438(3) tal-Kodiċi Kriminali.

**4**. Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Lulju, 2021 quddiem il-Qorti Kriminali, fejn il-partijiet qablu li kellha tingħata sentenza limitatament fuq l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-akkużat.

**5**. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 ta' Lulju 2021 li permezz tagħha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-akkużat billi filwaqt li ddikjarat l-istqarrija rilaxxata mill-akkużat fit-12 ta' Lulju, 2016 u t-13 ta' Lulju, 2013, eżebita bhala Dok KA18, it-traskrizzjoni ta' l-istess esebita bħala Dok BV1 a folio 2103 et seq tal-atti proċesswali tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja bħala prova inamissibbli u għalhekk ordnat l-isfilz tagħha. Konsegwentement iddikjarat li kwalunkwe referenza li saret fl-atti, inkluż fix-xhieda għal dak li l-akkużat setgħa qal waqt l-investigazzjoni u waqt l-istqarrija minghajr preżenza ta' Avukat bħala wkoll inammissibbli.

**6.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-Avukat Ġenerali fil-5 ta' Awwissu 2021 filwaqt li għamel referenza għal provi kollha kkumpilati fl-Istruttorja u għall-atti proċesswali tal-kawża talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiċħad l-ewwel eċċezzjoni imressqa mill-akkużat u ċioe' dwar l-inammissibilita' tal-istqarrija rilaxxata minnu nhar it-12 u it-13 ta' Lulju 2016 u tordna il-prosegwiment tal-kawza skond il-liġi.

**7.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**8.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**9**. Illi fl-uniku aggravju minnu ntentat, l-appellant Avukat Ġenerali jitlob lill-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza tal-Qorti Kriminali li ddeċiediet li l-istqarrija rilaxxata mill-akkużat ma kellhiex valur probatorju għal motiv uniku illi dan ma kellux avukat preżenti miegħu waqt l-interrogatorju sabiex joffrilu dik l-assistenza meħtieġa filwaqt li potenzjalment jistgħu jsiru dikjarazzjonijiet inkriminatorji u li sussegwentement jintużaw bħala prova fil-proċess kriminali istitwit kontrih. Illi huwa fatt inkontestat illi l-akkużat Andrew Mangion rrilaxxa stqarrija lill-pulizija investigattiva bejn it-12 u it-13 ta' Lulju 2016 f'erba' intervisti[1] u dan wara illi kkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu Dr. Joseph Giglio. Jirriżulta ukoll mill-atti proċesswali illi meta ġie arrestat mill-pulizija, iżda qabel ma ġie interrogat, l-akkużat kien wera ħsibijiet suwiċida u għalhekk kien ittieħed lejn l-isptar Monte Carmeli fejn hemmhekk ġie eżaminat minn psikjatra u kien biss wara li il-psikjatra Vella Baldacchino ċċertifika illi l-akkużat seta' jiġi interrogat, li l-investigaturi mexxew bl-interrogazzjoni tiegħu. L-akkużat xortawaħda, madanakollu, jqies illi dawn l-istqarrijiet hekk rilaxxati mingħajr il-garanziji kollha li llum il-ġurnata tipprovdi l-liġi ma għandhom ikollhom ebda valur probatorju u dan għaliex jista' jiġi mittiefes il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq.

**10**. Illi l-Qorti Kriminali għoġobha tilqa' din l-eċċezzjoni u dan meta ddikjarat din il-prova li bi ħsiebu iressaq l-Avukat Ġenerali bħala waħda inammissibbli mhux daqstant għaliex din il-prova tista' tkun leżiva tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, iżda minħabba

[1] Fit- 12 ta' Lulju, 2016 fi 3.45pm, fl-istess jum tat-12 ta' Lulju, 2016 f'5.50pm u nhar it-13 ta' Lulju, 2016 f'11.37am u 3.33pm.

l-inċertezza tad-dritt li inħolqot minn pronunzjamenti konfliġġenti li ngħataw matul is-snin mhux biss mill-QEDB, iżda ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali u minn din il-Qorti. Fil-fatt fir-raġunament erudit tagħha, l-Qorti Kriminali tillanja minn nuqqas ta' ċertezza legali li l-qrati domestiċi kellhom jirrinfaċċjaw rigward il-*quid iuris* dwar il-valur probatorju ta' stqarrijiet tal-akkużat meħuda mingħajr il-presenza ta'l-avukat, biex b'hekk dawn mhumiex konformi mal-liġi viġenti llum wara t-trasposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill datata 22 ta' Ottubru 2013 fid-dritt lokali u dan permezz ta'l-Att LI tal-2016. Titraċċa b'mod dettaljat l-*iter* li segwew id-deċiżjonijiet fuq dan il-punt ta' dritt mill-QEDB, mill-Qorti Kostituzjonali u minn din il-Qorti sabiex turi in-nuqqas ta' ċertezza ta' dritt li fuqha issejjes id-deċizjoni tagħha fir-rigward. U kien għalhekk illi l-Qorti Kriminali laqgħet din l-eċċezzjoni billi dehrilha illi din l-inċertezza legali għandha timmilita favur l-akkużat u ukoll għaliex kienet tal-fehma li ma kienx il-kompitu tal-ġurati waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri li jissindikaw il-kwalità u n-natura tal-prova skont it-test stabbilit mill-QEDB. Stqarret hekk il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha:

> **"Illi ghal darba ohra din il-Qorti qed tenfasizza illi m'ghandiex kompitu tiddecidi kienx hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq, madankollu ghandha kompitu li tiddecidi fuq l-ammisibilta' o meno tal-istqarrija tal-akkuzat u dan anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-*overall fairness* tal-proceduri.**
>
> **B'referenza ghal punti elenkati f'Beuze aktar il-fuq, fost ohrajn, jirrizulta illi l-akkuzat kien maggorenni u ma ngghabet l-ebda prova li dan b'xi mod jista' jiġi kkunsidrat bħala vurnerabbli. Ma jirrizultax illi c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienet intimidanti u l-istess stqarrija ingħatat volontarjament, minghajr theddid, weghdi jew promessi ta' vantaggi u wara li nghata d-debita twissija skont il-ligi, u cioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, izda li dak li kien ser jghid seta' jingieb bħala prova kontrih.**
>
> **L-akkuzat kien ghazel li jikkonsulta mal-avukat tieghu qabel l-interrogazzjoni. Irid jiġi enfasizzat illi meta l-akkuzat irilaxxa din l-istqarrija, il-ligi taghna ma kinietx tipprovdi ghad-dritt ta' l-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni u kienet tezisti wkoll ir-regola tal-inferenza. Hawn hekk il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenzi fosthom <u>Borg vs Malta</u> u <u>Navone and Others v. Monaco</u> fost ohrajn, fejn gie ritenut illi jekk id-dritt ta' l-**

**assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ma nghatax ghax il-ligi ta' dak il-pajjiz ma kienitx tippovdi ghal dan, allura dik ir-raguni wahedha tammonta ghall-ksur ta' Artiklu 6 ta' Konvenzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. B'referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Planovits vs Cyprus imsemmija aktar il-fuq, il-Qorti qalet:**

> *'The lack of legal assistance during an applicant's interrogation would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings.'*

**Din il-Qorti tinnota illi ma gewx imressqa xi ragunijiet impellanti - "*compelling reasons*" - sabiex l-akkuzat ma jithalliex ikollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni tieghu u stante li l-unika raguni kienet ta' restrizzjoni sistematika.**

**L-istqarrija tal-akkuzat hija wahda volumniuza sew. Ghalkemm l-akkuzat Mangion mhux qed jammetti illi qatel lil Eleonor Mangion Walker hu, xorta wahda b'dak li qal, hemm diversi drabi fejn dan qieghed jinkrimina lilu nnifsu. Ghaldaqstant, meta kollaborata ma provi ohrajn, din tista' thalli mpatt sinifikanti fuq il-proceduri kontra l-akkuzat.**

**Issir referenza ghas-sentenza ricenti moghtija minn din l-istess Qorti kif preseduta fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Tony Curmi, liema sentenza ma ġietx appellata mill-Avukat Ġenerali, fejn il-Qorti ccitat id-diversi sentenzi msemmija f'din l-istess sentenza u wara li gibdet l-attenzjoni dwar id-divergenzi tas-sentenzi moghtija fuq dan is-suggett u l-importanza tal-*legal certainty*, ikkonkludiet billi ddikjarat l-istqarrija ta' l-akkuzat inammissibli u sussegwentament talbet l-isfilz taghha. Din is-sentenza giet segwita wkoll b'zewg sentenzi ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Yousef Essesi u Il-Pulzija vs Kevin Tabone li gew decizi bl-istess mod.**

**Din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat hija leziva tad-drittijiet tal-akkuzat, in vista tal-fatt li l-Qrati ghadhom sal-lum il-gurnata jaghtu direzzjonijiet differenti dwar stqarrija li giet mehuda fl-assenza ta' Avukat jew Prokuratur Legali, fl-interess tal-gustizzja u l-integrita' tal-process, din l-istqarrija, kif ukoll kull referenza ghaliha, ghandhom jigu ddikjarati inammissibli."**

**11**. Illi l-appellant Avukat Ġenerali ħassu aggravat minn dan il-pronunzjament ta'l-Ewwel Qorti u dan għaliex fil-fehma tiegħu l-iżvilupp fil-liġi u l-ġurisprudenza li jirregola l-materja tal-vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq meta dikjarazzjonijiet jiġu

magħmula minn persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat, u li tagħmel referenza għalihom l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha, jindikaw bil-kontra u ċioe' illi sakemm il-proċess ġudizzjarju ma jkunx wasal fit-tmiem tiegħu ma huwiex possibbli jiġi stabbilit jekk tkunx seħħet dik il-leżjoni. Dan għaliex għandu jsir eżami tal-proċess ġudizzjarju fit-totalita' tiegħu u huwa biss minn din l-ottika li jista' jiġi stabbilit jekk dik il-leżjoni tkunx avverat ruħha. Jisħaq l-Avukat Ġenerali illi l-istqarrija ġiet rilaxxata skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien u kwindi ma jistax jitqies li m'għandhiex valur probatorju fit-termini ta'l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali.

**12**. Issa huwa minnu illi, kif stqarret il-Qorti Kriminali teżisti sitwazzjoni fluwida rigwardanti il-valur probatorju ta' dawn l-istqarrijiet miksuba mingħajr l-presenza ta' avukat. Tassew illi kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja jippreżentaw pronunzjamenti li jistgħu jidhru kemmxejn konfliġġenti. Din il-Qorti madanakollu ħadet il-linja illi ma huwiex fil-manzjoni riposti f'idejha bil-liġi illi tistħarreġ jekk prova li saret skont il-liġi għandiex tiġi imwarrba għaliex potenzjalment jista' jkun hemm lezjoni tad-dritt għal smigħ xieraq tal-persuna akkużata. Din il-Qorti tibqa' tal-fehma illi fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali, illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi f'dawn il-każijiet li l-Qorti qed issib f'ħoġorha li jittrattaw il-valur probatorju ta' stqarrijiet rilaxxati mill-persuna akkużata li ma kellhiex avukat preżenti magħha waqt it-teħid ta' dik l-istqarrija, hija qed tiġi imsejħa tqies l-ilment mill-ottika ta' dritt kostituzzjonali iktar milli fl-ambitu ta' proċess ġudizzjarju penali. Dan għaliex mhux qed tiġi invokata ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrijiet fejn allura jiġi mfittex r-rimedju ordinarju għal lanjanza <u>purament</u> ta' natura kostituzzjonali.

**13.** Illi huwa prinċipju ta' dritt penali illi fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Huma l-istqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa *'pre-trial'*, miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt li għandhom jiġu skartati billi nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju. Din ir-regola hija riflessa, kif tajjeb jindika l-Avukat Ġenerali, fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali[2]. Illi l-pożizzjoni ta' dritt li tirregola it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran ra żviluppi sostanzjali fis-snin reċenti. Illi fiż-żmien meta l-akkużat ġie arrestat u interrogat lura fis-sena 2016, huwa ma kellux il-jedd li jkollu l-avukat preżenti miegħu matul it-teħid tal-istqarrija u dan għaliex, kif ingħad, dan il-bdil għal Kodiċi Kriminali kien konsegwenza ta' trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, bdil allura li seħħ fiż-żmien wara li l-akkużat kien ġie interrogat. Illi fiż-żmien meta ġiet rilaxxata l-istqarrija mill-appellat kien hemm dritt, għalkemm wieħed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiduċja tagħha fil-ħin preċedenti l-interrogatorju mill-pulizija. Dan id-dritt ġie lilu konċess u l-appellat użufruwixxa minnu, biex b'hekk l-istqarrija sussegwentement rilaxxata, hija in konformita' mal-liġi viġenti f'dak iż-żmien. Di fatti, l-leġislatur fl-artikolu l-ġdid maħluq bl-Att III tal-2002 ħaseb sabiex ***"il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li***

---

[2]Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub,b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

***għandha taħt dan is-sub-artikolu."*** Għalhekk inħolqot sitwazzjoni ġdida għar-rigward tal-istqarrijiet li ġew rilaxxati mid-data li nġiebu fis-seħħ dawk l-emendi 'l quddiem, sitwazzjoni, kif ingħad, fejn ingħata il-jedd tal-parir legali qabel l-interrogatorju.

**14**. Illi huwa indubitat, kif tajjeb traċċat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, illi kien hemm evoluzzjoni fil-ġurisprudenza, kemm dik lokali kif ukoll ewropeja dwar il-jedd ta' persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, li tkun assistita minn avukat, bil-liġi qabel Frar tas-sena 2010, teskludi kompletament dan il-jedd. Din il-bidla fil-liġi wasslet sabiex il-qrati matul dawn l-aħħar snin issindikaw il-validita' tal-proċeduri penali u ċioe' jekk dawn setgħux ġew ivviżjati bil-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq tal-persuna akkużata meta din tkun irrilaxxat stqarrija mingħajr difiża adegwata, liema stqarrija sussegwentement tinġieb bħala prova fl-imsemmija proċeduri. Illi dan wassal għal fehmiet differenti espressi mill qrati ta' kompetenza penali kif ukoll dawk kostituzzjonali u anke evoluzjoni fil-ħsieb tal-QEDB liema ħsieb imbagħad influwenza deċizjonijiet illi ġew wara s-sentenzi fil-każ *Philippe Beuze vs il-Belġju* (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018, u *Farrugia vs Malta* illi xi ftit jew wisq tbiegħdu mill-insenjament imfassla fid-deċiżjoni ta' *Salduz* u oħrajn. Illi f'dawn id-deċiżjonijiet il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan wara li jiġi superat l-ewwel test, u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jiġi miċħud.

> **"441. When examining the proceedings as a whole, the following non-exhaustive list of factors should, where appropriate, be taken into account (Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], § 274; Beuze v. Belgium [GC], § 150; Sitnevskiy and Chaykovskiy v. Ukraine, §§ 78-80):**
> **▪ Whether the applicant was particularly vulnerable, for example, by reason of his age or mental capacity;**
> **▪ The legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with; where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;**

**▪ Whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;**
**▪ The quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;**
**▪ Where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;**
**▪ In the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;**
**▪ The use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;**
**▪ Whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay jurors, and in the case of the latter the content of any jury directions;**
**▪ The weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue;**
**▪ Other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.**[3]

**15**. Illi għalkemm il-QEDB esponiet dan l-insenjament "ġdid" fir-rigward ta' din il-prova, fejn allura hemm imfisser illi qabel ma jintemm il-proċess ġudizzjarju jkun impossibbli li jiġi determinat jekk tkunx seħħet leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata, u għalkemm il-Qorti Kostituzzjonali qiegħda issegwi dan l-insenjament, madanakollu imbagħad qed tingħata direzzjoni lil qrati ta' ġurisdizzjoni penali mill-istess Qorti Kostituzzjonali sabiex din il-prova titwarrab mill-atti probatorji fl-interess tal-ġustizzja u għall-integrita' tal-proċess, bil-għan li ma jkunx hemm ir-riskju ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.

**16**. Illi għalkemm din l-Qorti ma tistax tikkondividi l-preokkupazzjoni tal-Qorti Kriminali illi teżisti inċertezza fil-liġi minħabba deċiżjonijiet tal-qrati, li fil-fehma tagħha, huma konfliġġenti, madanakollu hija tal-fehma illi illum, fid-dawl tas-sentenzi mogħtija in materja, jidher opportun li l fehma ta' din il-Qorti tkun konsoni mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali li hija waħda kostanti u ripetuta u dan fir-rigward ta' kawżi kriminali li għadhom *sub iudice*. Dan għalkemm id-direzzjoni

[3] https://www.echr.coe.int/documents/guide_art_6_criminal_eng.pdf

li qed tingħata mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija univoka, u ċioe' illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija, dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha.

**17.** Illi fid-dawl ta' dan l-insenjament din il-Qorti kienet u tibqa' tal-fehma illi f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri fejn il-proċess penali għad irid jinstema' mill-qorti kompetenti ma jistax jingħad jekk il-kriterji indikati fil-kaz *Beuze* ġewx segwiti. Ukoll għaliex la din il-Qorti u lanqas il-Qorti Kriminali qabilha ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarrġu f'dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ, iktar u iktar f'dik is-sitwazzjoni fejn l-assistenza legali tkun ġiet mogħtija skont il-kriterji previsti mill-Liġi viġenti fiż-żmien rilevanti, u b'mod partikolari meta l-ġudikabbli jkun għamel użu minn dak id-dritt billi jkun kiseb dik l-assistenza legali qabel ma jkun irrilaxxja xi stqarrijiet lill-investigaturi. Dan għaliex skont l-imsemmija pronunzjamenti dan n-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogatorrju innifsu, ma jwassalx awtomatikament għal leżjoni tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, meta l-Qorti Ewropeja issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti.

**18**. Illi mogħnija b'dawk il-provi li l-Prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, fl-atti kumpilatorji, jemerġi illi l-appellat qed jiġi mixli bil-qtil ta' martu Eleanor Mangion, għal liema delitt huwa jiċħad kategorikament l-involviment tiegħu. Jidher li l-pulizija bdew l-investigazzjonijiet tagħhom wara rapport magħmul minn ċertu Grezzju Micallef, iz-ziju tal-appellat, fejn fuq direzzjoni tiegħu il-pulizija kienu sabu il-kadavru ta' Mangion ġewwa *warehouse* f'Hal Qormi. Wara s-sejba tal-kadavru ġiet mnehdija inkjesta dwar l-*in genere* u l-appellat ġie arrestat u interrogat billi

s-suspett wara l-kummissjoni tad-delitt waqa' fuqu. Illi mill-atti kumpilatorji jirriżulta illi l-appellat mar minn jeddu għand il-pulizija, u hemmhekk ġie arrestat, iżda peress illi deher għajjien u anke kien esprima xewqat suwiċida l-Inkwirenti kienet ħatret kemm lil Dr. Michael Spiteri kif ukoll lil psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino sabiex qabel hu jiġi interrogat, jkun eżaminat u ċċertifikat li kemm mentalment kif ukoll fiżikament kien f'posizzjoni jirrilaxxja l-istqarrija tiegħu. Jirriżulta wkoll illi Mangion kien ittieħed l-Isptar Monte Carmeli għall-osservazzjoni u għal kura u għalhekk huwa ġie rilaxxjat mill-arrest tant illi anke marru xi qraba iżuruh l-isptar. Fil-fatt għalkemm l-appellat ġie arrestat fil-05 ta' Lulju 2016, huwa irrilaxxja l-istqarrija tiegħu fil-jiem bejn it-12 u it-13 ta' Lulju 2016 meta ġie rilaxxat mill-isptar sabiex b'hekk jidher illi kienu għaddew sebat ijiem mill-jum meta ġie oriġinarjament arrestat. Qabel irrilaxxa l-istqarrija huwa kkonsulta fil-privat mal-avukat tal-fiduċja tiegħu Dr. Joseph Giglio. L-istqarrija ittieħdet f'erba' intervisti  permezz tal-proċedura awdjo viżiva. F'dawn l-intervisti hu jiċħad li qatel lil martu. Kif tajjeb irrimarkat l-Ewwel Qorti, l-appellat ma jistax jitqies li kien bniedem vulnerabbli fiż-żmien meta ittieħdet l-istqarrija. Ma jidhirx illi huwa ġie mhedded jew intimidat jew imwiegħed promessi jew vantaġġi. Ġie interrogat wara li ngħata id-drittijiet kollha viġenti f' dak iż-żmien u dan jiem wara li huwa ġie mgħarraf li kien suspettat bil-qtil ta' martu. Mhux biss iżda jirriżulta illi l-investigaturi, bl-għajnuna tal-esperti nominati fl-inkjesta, ħadu l-prekawzzjonijiet kollha qabel ma nterrogaw lill-appellat sabiex jiżguraw rwieħhom illi dan kien fi stat ta' saħħa tajba kemm mentalment kif ukoll fiżikament. Dan ifisser allura illi l-appellat fehem ben tajjeb it-twissija li kienet qed tiġi lilu mogħtija mill-investigaturi li spjegawlu fi kliem sempliċi u li jinftiehem l-piż li tingħata l-istqarrija tiegħu fil-proċess penali. F'dawn l-intervisti iżda huwa ma kellux avukat preżenti miegħu billi l-liġi f'dak iż-żmien ma kenitx tikkontempla dan il-jedd.

**19.** Dan magħdud, madanakollu, l-Qorti tistqarr illi hija konsapevoli tal-pronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew

rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju billi jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq.[4] Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet xi leżjoni, billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, iżda jidher illi bħala rimedju prekawzjonarju minħabba f'leżjoni potenzjali, dik il-Qorti qiegħda ripetutament tagħti d-direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta'l-istqarrija. Illi għalkemm, kif ingħad, l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess, u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx, biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha, madanakollu l-Qorti ma tistax ma timxiex mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali billi jidher li din hija waħda kostanti, għalkemm kif ingħad il-proċess ġudizzjarju għadu ma wasalx fit-tmiem tiegħu. Intqal hekk fl-aktar deċiżjoni reċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali[5]:

> **11. Illi dan ifisser ukoll li għalkemm jista' jkun li dik l-istqarrija maħlufa ma kisritx diġa` l-jedd fundamentali tal-appellat għal smigħ xieraq (minħabba li l-proċess kontrih għadu mhux mitmum), x'aktarx iġġiblu ksur ta' dak il-jedd li kieku wieħed kellu jqis dak li tgħid fiha u jimxi fuqha. .....**
>
> **15. Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif jitħaddem kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu ta'bilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis**

---

[4] Clive Dimech vs Avukat Generali, The Police vs Alexander Hickey, Morgan Onuorah vs l-Avukat ta'l-Istat
[5] QK – Christopher Bartolo vs l-Avukat ta'l-Istat – deċiża 26/04/2022

**il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun, u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq. F'ċirkostanza bħal din u safejn ma toħroġx prova ta' xi ħsara jew preġudizzju li ma jissewwiex, huwa ndikat u għaqli li l-istħarriġ dwar jekk wieħed ingħatax smigħ xieraq isir wara li jkun intemm il-proċediment li jkun u mhux qabel. Huwa minnu wkoll li wieħed ma jistax jeskludi minn qabel li jista' jkun hemm ċirkostanza proċedurali waħda matul il-proċess ġudizzjarju li taf tkun serja u determinanti biżżejjed biex titlob l-istħarriġ tal-ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda r-regola tibqa' li jitqies l-iter proċedurali kollu. ...**

Iżda finalment imbagħad ġie hekk deċiż:

**Min-naħa l-oħra, bħalma din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ewwel kawża kostituzzjonali sabet li kien jixraq li ma jsir l-ebda użu ieħor taż-żewġ stqarrijiet li r-rikorrent appellat ta lill-Pulizija, bla ma sabet li kien diġa` ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, hekk ukoll f'dan il-każ, il-fatt li din il-Qorti jidhrilha li ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija maħlufa li l-appellat għamel quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, ma jfissirx li dan qiegħed isir għaliex huwa ġarrab ksur ta' dak il-jedd, imma sewwasew biex jitneħħa l-biżgħa li jista' jġarrab ksur bħal dak;**

**20.** Illi l-Qorti allura trid neċessarjament timxi mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali, u dan għalkemm f'dan l-istadju tal-proċeduri ma jistax jingħad illi l-prova magħmula permezz tal-istqarrija tal-imputat hija mittiefsa minn xi difett proċedurali li jirrendieha inammissibbli. Dan qed isir ukoll bil-għan li jkun hemm trattament ugwali bejn il-persuni kollha li jersqu quddiem il-qrati penali sabiex ikunu ġġudikati dwar reati allegatament minnhom kommessi u wkoll sabiex ikunu evitati proċeduri ulterjuri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, bil-proċess ġudizzjarju jitwal inutilment.

**21.** Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. Tirrimanda l-atti quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jitkompla il-proċess penali kontra l-appellat.

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**